MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 597/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Jeremy James Farrugia (K.I. 558384M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, tmien mija sitta u tletin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1836.85) rapprezentanti: in kwantu ghal €151.14 prezz ghal servizz ta' internet rez mis-socjeta' attrici lill-konvenut; u inkwantu ghal €1685.71 prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari res mis-socjeta' attrici lill-konvenut: €382.91 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99099230, €554.90 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99811447, €366.98 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99477881, u €380.92 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99099252; il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti; bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru

ipprezentat kontestwalment, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-28 ta' Mejju, 2012 mill-Avukat Nadia Vella w l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, tmien mija sitta u tletin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1836.85) u dan bl-ispejjez u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------